

## Illum jibda x-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà 2020 “Aħseb Qabel Tikklikkja”

**Ottubru ta’ din is-sena jimmarka t-8 Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà (ECISM) tal-Unjoni Ewropea, li jippromwovi s-sigurtà online fost iċ-ċittadini tal-UE. Il-kampanja annwali ta’ sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà hija kkoordinata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u mill-Kummissjoni Ewropea, u hija appoġġata mill-Istati Membri u aktar minn 300 sieħeb minn industrijiet differenti.**

Ateni, it-30 ta’ Settembru 2020

Mijiet ta’ attivitajiet, bħal konferenzi, sessjonijiet ta’ ħidma, sessjonijiet ta’ taħriġ, preżentazzjonijiet ġenerali, webinaris u kampanji online, se jsiru mill-Ewropa kollha tul ix-xahar kollu ta’ Ottubru biex titqajjem kuxjenza dwar iċ-ċibersigurtà u tiġi pprovduta informazzjoni diġitali aġġornata dwar is-sigurtà permezz tal-edukazzjoni u l-kondiviżjoni ta’ prattiki tajba. Kull sena, ix-[Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà](#) jiġbor flimkien liċ-ċittadini tal-UE taħt is-slogan “Iċ-ċibersigurtà hija Responsabbiltà Kondiviża” biex jingħaqdu kontra t-theddid ċibernetiku.

Il-kampanja tal-ECISM ta’ din is-sena tfasslet biex tindirizza kwistjonijiet ta’ sigurtà li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni tal-ħajja ta’ kuljum, aċċellerata mill-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li tkegġeg lin-nies biex “Jaħsbu Qabel Jikklikkjaw”, il-kampanja tal-2020 tenfasizza temi differenti taċ-ċibersigurtà biex tgħin lill-utenti jidentifikaw u jippreparaw għat-theddid ċibernetiku.

It-tieni tema teżamina l-“Isccams Ċibernetiċi” billi tikkondividi għarfien dwar theddid ċibernetiku attwali u potenzjali. L-attivitajiet jiffukaw fuq il-phishing, il-kompromess tal-posta elettronika tan-negozji u l-frodi tax-xiri online. L-għan ta’ din it-tema huwa li tkegġeg sensibilizzazzjoni akbar tal-utenti dwar l-iscams ċibernetiċi meta jwettqu negozju u tranżazzjonijiet personali online.

L-ewwel tema tiffoka fuq il-“Ħiliet Diġitali” billi tipprovi attivitajiet edukattivi biex il-pubbliku ġenerali jiġi infurmat dwar is-sigurtà tal-informazzjoni. It-tema tkopri kwistjonijiet ta’ privatezza elettronika bħall-protezzjoni tad-*data* personali, il-bullying ċibernetiku u l-istalking ċibernetiku. Is-sessjonijiet għandhom l-għan li jippromwovu l-importanza taċ-ċiberiġjene u jstabbilixxu prattiki tajbin online.

Il-Viċi President Eżekuttiv għal Ewropa Lesta għall-Era Diġitali, Margrethe Vestager, qalet: “Hekk kif il-ħajja tagħna ta’ kuljum u l-ekonomija tagħna qed isiru dejjem aktar dipendenti fuq soluzzjonijiet diġitali, jeħtieġ li nirrealizzaw li iċ-ċibersigurtà tikkonċernana lkoll. Huwa importanti li titrawwem kultura ta’ sigurtà tal-ogħla livell f’setturi vitali tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna.”

Il-Viċi President għall-Promozzjoni tal-Istil ta’ Ħajja Ewropew Tagħna, Margaritis Schinas, qal hekk: “Ix-xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà għandu l-għan li jissensibilizza aktar dwar iċ-ċibersigurtà u jaġġornana dwar it-theddid ċibernetiku; ifakkarna li faċilment nistgħu nqawwu iċ-ċibersigurtà tagħna nfusna billi nsiru midħla ta’ xi drawwiet diġitali tajbin. Iċ-ċibersigurtà hija essenzjali għall-istil ta’ ħajja Ewropew tagħna.”

Il-Kummissarju għas-Suq Intern, Thierry Breton, qal: “Bħall-ispazju tal-art, tal-baħar jew tal-ajru, l-ispazju tal-informazzjoni diġitali kultant ikollu lakuni ta’ sigurtà li jeħtieġ li jimtlew. L-ambizzjoni tagħna hija li noffru liċ-ċittadini tal-UE l-aktar spazju sikur tal-informazzjoni fid-dinja. Dan se jinkiseb b’mod partikolari permezz tal-edukazzjoni. Dwar dan huwa x-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà 2020, li qed inniedu għada biex insaħħu l-għarfien dwar is-sikurezza online u l-ħiliet taċ-ċibersigurtà meħtieġa għall-futur.”

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, Juhan Lepassaar qal: “Ix-xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà ta’ din is-sena jesplora kif l-ekosistema ċibernetika kondiviża tagħna tista’ ssir aktar reżiljenti billi jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jiġu żviluppati l-ħiliet ċibernetiċi. Li tkun konxju tal-iscams ċibernetiċi u li taħseb qabel tikklikkja huma parti mill-parir li faċli ssegwi biex tillimita r-riskji. L-ECSM tippermettilna l-opportunità li ninvolvu ruġna direttament maċ-ċittadini, in-negozji u l-organizzazzjonijiet tal-UE biex inżidu l-għarfien tagħhom dwar it-theddid ċibernetiku, nibnu fuq dan l-għarfien u flimkien navvanzaw iċ-ċibersigurtà fuq il-fronti kollha.”

Illum, biex iniedu l-kampanja, l-organizzaturi ppubblikaw filmat li jipprovdi liċ-ċittadini tal-UE għodod li jintegraw fl-attivitajiet ċibernetiċi tagħhom ta’ kuljum.

Is-sit web uffiċjali tal-kampanja huwa [www.cybersecuritymonth.eu](http://www.cybersecuritymonth.eu). Kull Stat Membru parteċipant tal-UE għandu paġna web apposta b’informazzjoni aġġornata bil-lingwa lokali. L-utenti jistgħu jsibu pariri u suġġerimenti, materjal ta’ sensibilizzazzjoni, kwizzijiet online, links għal avvenimenti u aktar bi 23 lingwa. Is-[sit web tal-ECSM](#) fih ukoll mappa interattiva, fejn dak li jkun jista’ jaċċessa l-attivitajiet u jingħaqad magħhom.

###

#### NOTI LILL-EDITURI:

**Il-kuntest:** Ix-xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà (ECSM) huwa l-kampanja ta’ sensibilizzazzjoni annwali tal-UE ddedikata għall-promozzjoni taċ-ċibersigurtà, li ssir kull Ottubru fl-Ewropa kollha. L-ECSM huwa kkoordinat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-Kummissjoni Ewropea, u huwa appoġġat mill-Istati Membri tal-UE u aktar minn 300 sieħeb (gvernijiet, universitajiet, gruppi ta’ riflessjoni, NGOs, assoċjazzjonijiet professjonali, negozji tas-settur privat). Il-kampanja tnediet għall-ewwel darba fl-2012.

#### “Iċ-ċibersigurtà hija Responsabbiltà Kondiviża” — “Aħseb Qabel Tikklikkja”

Ingħaqad mal-kampanja fuq Twitter [@CyberSecMonth](#) bil-hashtags [#CyberSecMonth](#) u [#ThinkB4UClick](#), u fuq il-Facebook [@CyberSecMonthEU](#).

Tista’ ssib aktar informazzjoni dwar ix-Xahar Ewropea taċ-Ċibersigurtà fuq [cybersecuritymonth.eu](http://cybersecuritymonth.eu).

#### Materjal relatat:

[L-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea](#)

[Għarfien tal-ECSM & Materjali Edukattivi](#)

[ECSM: Sir Ċiberkapaċi](#)

[L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali](#)

[Iċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali](#)

[Gwida tal-ENISA Matul il-COVID-19](#)

[L-Isfida Ewropea taċ-Ċibersigurtà](#)

#### KUNTATT GĦALL-ISTAMPA:

[press\(at\)enisa.europa.eu](mailto:press(at)enisa.europa.eu)

